# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru 1760

KAZ NRU : 2357CD

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

John Scicluna (ID 630052M)

u

Winston Fenech, Dieter Fenech, Norbert Fenech u Christopher Fenech, flimkien u in solidum bejniethom, f'isimhom personali u kif esergenti in-negozju u t-tmexxija u bhala operaturi tal-lukanda Best Western Les Lapins

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.*

Illum l-Erbgha 28 ta' Frar 2007

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

**1. Introduzzjoni**

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet rriferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ipprezentat fir-Registru tal-Qrati Superjuri fis-16 ta' Marzu 2006 biex tigi pprocessata mit-Tribunal Industrijali skond it-termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

L-appellant is-Sur John Scicluna kien assistit mill-Avv Dr Ian Spiteri Bailey LL.D. u s-socjeta intimata kienet rapprezentata mis-Sur Norbert Fenech, Direttur, assistit mill-Avv Dr Matthew Brincat LL.D.

It-Tribunal zamm seba' (7) seduti.

## 2. Xhieda

Tul is-smiegh tal-kaz xhedu s-segwenti individwi:

| | |
|---|---|
| John Scicluna | l-Appellant |
| Christopher Fenech | Direttur |
| Paul Camilleri | Ex-food & beverage Manager |
| Norbert Fenech | Direttur |

## 3. Dokumenti

Tul is-smiegh tal-kwistjoni gew esebiti u pprezentati diversi dokumenti.

## 4. L-Istorja

L-appellant John Scicluna kien gie mpjegat bhala *Foreman Maintenance* fl-1 ta' Jannar 2003 mal-Lukanda Best Western Les Lapins u ddikjarat li gie tterminat l-impieg tieghu fis-17 ta' Frar 2006.

Meta l-Lukanda imsemmija waqfet li topera l-istaff kollu gie ssensjat izda l-appellant Scicluna nzamm biex jghasses il-Hotel u jiddisponi mill-beni taghha. Huwa kellu salarju ta' Lm436 fix-xhar. Scicluna jghid li korra fuq ix-xoghol fis-16 ta' Awissu 2005 meta kien qieghed inizzel xi njam u waqa fit-tarag tal-*concrete* u gie mehud l-isptar St Luke's fejn skond il-Hotel ma kienx jidher li kellu sinjal ta' korriment. L-*Injury form* imtliet mill-isptar. Meta din il-formola intbghatet mill-*Injuries Board* tas-Social Security lill-Hotel ghall-kummenti tal-Management irrispondew u ma iffirmawx il-*Form* ghax ma kienux jaqblu li l-appellant kien korra fuq ix-xoghol.

It-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant skond il-Management tal-Hotel kienet ghar-raguni ta' abbandun ta' l-impieg.

**5. Kunsiderazzjonijiet**

Il-kaz kollu tat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' Scicluna huwa marbut u kkundizzjonat ma' l-*injury* li l-appellant sofra fis-16 ta' Awissu 2005 li l-Management ma riedx jaqbel li jikkonferma anzi zied jiddikjara li l-impieg ta' Scicluna gie tterminat bl'ittra fi Frar 2006 b'sehh mill-15 ta' Settembru 2005 ghar-raguni li skond il-Hotel l-appellant kien abbanduna x-xoghol.

Wiehed irid jiftakar li l-Hotel baghqet tirreteni li Scicluna ma kienx korra fuq ix-xoghol u naqset li tikkontesta il-claim ta' l-appellant ma' l-*Injuries Board* tas-Social Security. Kellha wkoll l-opportunita li tappella lill-Arbitru tas-Social Services jekk kienet konvinta li Scicluna ma kienx korra fuq ix-xoghol.

Ma tezistix il-hsieb jew l-intenzjoni tat-Tribunal Industrijali li jidhol fil-meriti tal-korriment li l-appellant jghid li sofra meta zelaq fit-tarag tal-Hotel. Dan il-gudizzju l-ewwel ghax dan hemm nies professjonisti biex jikkunsidraw u jiddeciedu fuqu, certament zgur ma jippartjenix lill-Management tal-Hotel jekk dehrilhom li meta qal li korra ma kienx jidher hekk. Hemm certifikazzjoni fuq dan l-aspett minn persuni kwalifikati. Ghall dak li jirrigwarda meta intbghatet l-ittra tat-terminazzjoni ta' l-impieg hija materja sekondarja li bl'ebda mod ma tnaqqas mill-*issue* tal-korriment fuq ix-xoghol.

F'kazijiet bhal dawn din hija l-procedura applikabbli u ghalhekk id-decizjoni tas-Social Services tkun finali. Meta decizjoni ta' korriment fuq ix-xoghol tigi accettata mis-Social Services kull decizjoni ohra ta' l-*employer* tigi sopravissuta

(superceded) Infatti l-appellant baqa jircievi l-*injury pay* sa zmien recenti mis-Social Services.

**Decizjoni**

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-istatements tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, sema u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali taz-zewg partijiet, isib dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant John Scicluna minhabba abbandun tax-xoghol kienet ingusta, ghar-raguni li ma setghax jattendi ghax-xoghol minhabba 'injury' li sofra fuq ix-xoghol, korriment li kien accettat mill-*Injuries Board* tas-Social Services.

Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali isib u jiddeciedi li l-appellant John Scicluna ghandu jithallas kumpens fis-somma ta' hamestelef mitejn u erbghin Liri Maltin (Lm5,240) mill-Lukanda Best Western Les Lapins fi zmien xhar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' drittijiet li jithallsu t-Tribunal Industrijali qieghed jiffissa dawn fis-somma ta' erbghin Liri Maltin (Lm40) lil kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

-------------------------

(ft) Carmel Debono
Chairman

VERA KOPJA

-------------------------

Monica Seychell
A/Segretarja

Kaz Nru 2357CD
Dec Nru 1760